IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 28.7.2017
COM(2017) 485 final

ABBOZZ TA' BAĠIT EMENDATORJU NRU 5
TAL-BAĠIT ĠENERALI TAL-2017

Li jipprovdi l-finanzjament għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli (EFSD) u li jżid ir-Riżerva ta' Għajnuna f'Emerġenza (EAR) wara r-reviżjoni tar-regolament tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali

Wara li kkunsidrat:

– it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 314 tiegħu, flimkien mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 106a tiegħu,

– ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 41 tiegħu,

– il-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2017, kif adottat fl-1 ta' Diċembru 2016[2],

– il-baġit emendatorju Nru 1/2017[3], adottat fil-5 ta' April 2017,

– il-baġit emendatorju Nru 2/2017[4], adottat fl-4 ta' Lulju 2017,

– l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 3/2017[5], adottat fit-30 ta' Mejju 2017,

– l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 4/2017[6], adottat fis-26 ta' Ġunju 2017,

Il-Kummissjoni Ewropea b'dan tippreżenta l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 5 tal-baġit tal-2017 lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

BIDLIET FID-DIKJARAZZJONI TAD-DĦUL U N-NEFQA TAQSIMA B'TAQSIMA

Il-bidliet fir-rapport tad-dħul u n-nefqa taqsima b'taqsima huma disponibbli fil-EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu/budget/www/index-mt.htm). Il-verżjoni bl-Ingliż tal-bidliet f'dan ir-rapport hija mehmuża għall-informazzjoni bħala anness baġitarju.

1 ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.
2 ĠU L 51, 28.2.2017.
3 ĠU L 136, 24.5.2017.
4 ĠU L XXX, XX.XX.XXXX.
5 COM(2017) 288, 30.5.2017.
6 COM(2017) 541, 26.6.2017.

WERREJ

TOC

1. INTRODUZZJONI

L-għanijiet tal-Abbozz ta' Baġit Emendatorju (ABE) Nru 5 għas-sena 2017 huma tnejn:

- Li jipprovdi l-finanzjament mill-baġit ġenerali 2017 għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli (European Fund for Sustainable Development, EFSD) wara l-adozzjoni tal-bażi legali relatata mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill.
- Li jirrifletti fil-baġit ġenerali 2017 l-eżitu tar-reviżjoni ta' nofs it-terminu tar-Regolament dwar il-QFP fir-rigward taż-żieda fl-ammont annwali tar-Riżerva ta' Għajnuna f'Emerġenza (Emergency Aid Reserve, EAR), minn EUR 280 miljun għal EUR 300 miljun fi prezzijiet tal-2011.

B'kollox, dan l-ABE jżid il-livell ta' approprjazzjonijiet ta' impenn b'EUR 297,8 miljun filwaqt li l-livell ta' approprjazzjonijiet ta' pagament jibqa' l-istess.

2. IL-FOND EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP SOSTENIBBLI (EFSD)

2.1 Kuntest

Fis-7 ta' Ġunju 2016, il-Kummissjoni ħarġet Komunikazzjoni[7] dwar it-twaqqif ta' Qafas ta' Sħubija ġdid ma' pajjiżi terzi skont l-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni[8]. F'dan id-dokument, il-Kummissjoni pproponiet għadd ta' miżuri biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet l-aktar urġenti tar-refuġjati u biex jiġu appoġġati l-komunitajiet ospitanti, filwaqt li enfasizzat il-ħtieġa għal strateġija fit-tul biex jiġu indirizzati l-kawżi fundamentali tal-migrazzjoni. Il-Kunsill Ewropew approva l-proposta tal-Kummissjoni fit-28 ta' Ġunju 2016[9], li stiednet lill-Kummissjoni tippreżenta proposta għal Pjan ta' Investiment Estern (PIE) ambizzjuż sa Settembru 2016.

Il-Kummissjoni ppreżentat Komunikazzjoni lejn il-Pjan ta' Investiment Estern għall-Ewropa l-ġdid[10] li jagħti spinta lill-investimenti fl-Afrika u fil-Viċinat.

Il-PIE isegwi l-istess loġika, bħall-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS): l-użu ta' fondi pubbliċi bħala garanzija biex tiġbed l-investiment pubbliku u privat. Bħala parti mill-isforzi aktar estiżi li l-UE qed issegwi fuq il-bażi tal-Qafas ta' Sħubija l-ġdid, il-PIE se jikkumplimenta l-għajnuna tal-Unjoni għall-iżvilupp, isaħħaħ is-sħubiji tagħha, jippromwovi mudell ġdid ta' parteċipazzjoni fis-settur privat u jagħti kontribut għall-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli.

Il-PIE huwa msejjes fuq tliet pilastri: (i) il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli (EFSD), (ii) għajnuna teknika u (iii) it-titjib tal-klima tal-investiment u l-ambjent ġenerali ta' politika. L-EFSD jikkostitwixxi l-pakkett finanzjarju integrat tal-PIE, u jgħaqqad il-finanzjament tal-faċilitajiet ta' kombinament u Garanzija tal-EFSD (EUR 1 500 miljun), appoġġata minn Fond ta' Garanzija tal-EFSD (EUR 750 miljun, li minnhom EUR 350 miljun mill-baġit tal-UE u EUR 400 miljun mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp).

Fl-14 ta' Settembru 2016, il-Kummissjoni ppreżentat Proposta għal Regolament li jistabbilixxi l-EFSD, il-Garanzia tal-EFSD, u l-Fond ta' Garanzija tal-EFSD[11].

---

7 COM(2016) 385, 7.6.2016.
8 COM(2015) 240, 13.5.2015.
9 EUCO 26/16.
10 COM(2016) 581, 14.9.2016.
11 COM(2016) 586, 14.9.2016.

Fis-17 ta' Ottubru 2016, il-Kummissjoni ppreżentat l-Ittra ta Emenda Nru 1 tal-Abbozz tal-Baġit Ġenerali għall-2017[12], li tipproponi li l-Fond ta' Garanzija tal-FEIS jiġi fornut b'EUR 275 miljun fl-2017.

Fil-ftehim finali tagħhom dwar il-baġit 2017[13], il-proviżjonament tal-EFSD ma nżammx sakemm tiġi adottata l-bażi legali iżda l-Parlament Ewropew u l-Kunsill stiednu "*lill-Kummissjoni biex titlob l-approprjazzjonijiet meħtieġa f'baġit emendatorju fl-2017 sabiex tipprovdi l-finanzjament tal-EFSD mill-baġit tal-UE hekk kif tiġi adottata l-bażi legali.*"

Intlaħaq kompromess finali dwar l-abbozz ta' Regolament EFSD bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni matul il-ħames trilogu tagħhom fis-26 ta' Ġunju 2017. It-test miftiehem imbagħad ġie approvat mill-Kunsill (COREPER II) fit-28 ta' Ġunju 2017 u ġie adottat mill-Parlament Ewropew waqt is-sessjoni plenarja tiegħu fis-6 ta' Lulju 2017 fi Strasburgu. L-adozzjoni finali tar-Regolament EFSD mill-Kunsill se ssegwi f'Settembru 2017.

Il-Kummissjoni għalhekk qed titlob f'dan l-ABE l-approprjazzjonijiet meħtieġa sabiex tipprovdi għall-kontribuzzjoni mill-baġit ġenerali għall-Fond ta' Garanzija tal-EFSD fl-2017 (EUR 275 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament). Il-kontribuzzjoni li jkun għad fadal ta' EUR 75 miljun mill-baġit ġenerali tal-Fond tiġi pprovduta fl-2018–2020.

2.2 Finanzjament

Minħabba n-nuqqas ta' marġini taħt il-limitu massimu tal-impenn tal-intestatura 4 *L-Ewropa Globali* fil-baġit ġenerali tal-2017 u meta jittieħed kont tar-riallokazzjonijiet magħmula diġà fil-baġit adottat tal-2017, il-Kummissjoni tipproponi li timmobilizza l-istrument tal-flessibilità sabiex jiġi kopert b'mod sħiħ it-tisħiħ fl-approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament mitlub għall-finanzjament tal-EFSD (EUR 275 miljun). Il-proposta korrispondenti li jiġi mmobilizzat l-istrument ta' flessibbiltà[14] takkumpanja dan l-ABE.

Fir-rigward tal-approprjazzjonijiet ta' pagament, il-Kummissjoni tistenna sottoimplimentazzjoni fi ħdan il-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni (Asylum, Migration and Integration Fund, AMIF) fl-Intestatura 3 *Sigurtà u Ċittadinanza*. Xi dewmien affrontat fil-bidu tal-programmi kkawżati mill-adozzjoni tard tal-bażijiet legali, u għalhekk dewmien fl-ipprogrammar, u fil-ħatra tal-awtoritajiet nazzjonali, huma l-kawża ewlenija ta' din is-sitwazzjoni. Barra minn hekk, il-pass tal-implimentazzjoni taż-żewġ skemi ta' rilokazzjoni fil-qafas tal-AMIF huwa aktar bil-mod milli mistenni, u dan wassal għal dikjarazzjoni aktar baxxa tal-infiq fil-kontijiet annwali tal-Istati Membri fl-aħħar ta' Marzu 2017. L-ammont ta' approprjazzjonijiet ta' pagament disponibbli fl-intestatura 3 għalhekk jenħtieġ li jitnaqqas bl-ammont ta' EUR 275 miljun. Fil-mument tal-istabbiliment tal-baġit ġenerali tal-2017, ma kienx possibbli li jittieħed kont ta' dan.

3. IŻ-ŻIEDA TAR-RIŻERVA TA' GĦAJNUNA F'EMERĠENZA (EAR)

Fl-20 ta' Ġunju 2017, il-Kunsill adotta r-reviżjoni[15] tar-Regolament tal-Kunsill (UE, EURATOM) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020[16] (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "ir-regolament MFF").

---

[12] COM(2016) 679 final, 17.10.2016.

[13] Ir-riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-1 ta' Diċembru 2016 dwar it-test konġunt dwar l-abbozz ta' baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2017, approvata mill-Kumitat ta' Konċiljazzjoni fil-qafas tal-proċedura baġitarja (14635/2016 - C8-0470/2016 – 2016/2047(BUD)).

[14] COM(2017) 480, 28.7.2017.

[15] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, EURATOM) Nru 2017/1123 tal-20 ta' Ġunju 2017, ĠU L 163, 24.6.2017, p. 1.

[16] ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884.

Din ir-reviżjoni tinkludi, fost oħrajn, iż-żieda fl-ammont annwali tar-Riżerva ta' Għajnuna f'Emerġenza (EAR) prevista fl-Artikolu 9 tar-regolament dwar il-QFP minn EUR 280 miljun għal EUR 300 miljun (fi prezzijiet tal-2011). Għalhekk huwa neċessarju li din iż-żieda tiġi riflessa fil-baġit ġenerali tal-2017 biż-żieda ta' EUR 22,8 miljun (fi prezzijiet attwali) mal-EAR f'approprjazzjonijiet ta' impenn.

Fir-rigward tal-approprjazzjonijiet ta' pagament, il-Kummissjoni tqis li l-ammont disponibbli fil-baġit ġenerali 2017 (EUR 315 miljun) se jkun biżżejjed biex jissodisfa l-ħtiġijiet stmati tagħha.

4. TABELLA SOMMARJA SKONT L-INTESTATURA TAL-QFP

Intestatura	Baġit 2017 (inkluži BE 1 u ABE 3-4/2017)		Abbozz tal-Baġit Emendatorju Nru 5/2017		Baġit 2017 (inkluži BE 1 u ABE 3-5/2017)	
	AI	AP	AI	AP	AI	AP
1. Tkabbir intelliġenti u inklużiv	**75 398 754 456**	**55 284 563 532**			**75 398 754 456**	**55 284 563 532**
Li minnhom taħt il-marġni globali għall-impenji	*1 939 100 000*				*1 939 100 000*	
Limitu Massimu	*73 512 000 000*				*73 512 000 000*	
Marġini	*52 345 544*				*52 345 544*	
1a Kompetittività għat-tkabbir u l-impiegi	21 312 155 821	19 320 944 503			21 312 155 821	19 320 944 503
Li minnhom taħt il-marġni globali għall-impenji	1 439 100 000				1 439 100 000	
Limitu Massimu	*19 925 000 000*				*19 925 000 000*	
Marġini	*51 944 179*				*51 944 179*	
1b Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali	54 086 598 635	35 963 619 029			54 086 598 635	35 963 619 029
Li minnhom taħt il-marġni globali għall-impenji	*500 000 000*				*500 000 000*	
Limitu Massimu	*53 587 000 000*				*53 587 000 000*	
Marġini	*401 365*				*401 365*	
2. Tkabbir sostenibbli: riżorsi naturali	**58 584 443 884**	**54 913 969 537**			**58 584 443 884**	**54 913 969 537**
Limitu Massimu	*60 191 000 000*				*60 191 000 000*	
Li minnhom paċuti mal-Marġni ta' Kontinġenza	*- 575 000 000*				*- 575 000 000*	
Marġini	*1 031 556 116*				*1 031 556 116*	
Li minnhom: Il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) — Nefqa marbuta mas-suq u pagamenti diretti	42 612 572 079	42 562 967 974			42 612 572 079	42 562 967 974
Sottolimitu	*44 146 000 000*				*44 146 000 000*	
Trasferiment nett bejn il-FAEG u l-FAEŻR	*318 000*				*318 000*	
Marġini tal-FAEG	*1 533 109 921*				*1 533 109 921*	
3. Sigurtà u ċittadinanza	**4 284 030 960**	**3 786 957 287**		**- 275 000 000**	**4 284 030 960**	**3 511 957 287**
Li minnhom taħt l-Istrument ta' Flessibilità	*530 000 000*				*530 000 000*	
Li minnhom taħt il-Marġni ta' Kontinġenza	*1 176 030 960*				*1 176 030 960*	
Limitu Massimu	*2 578 000 000*				*2 578 000 000*	
Marġini						
4. Ewropa Globali	**10 162 120 000**	**9 483 081 178**	**275 000 000**	**275 000 000**	**10 437 120 000**	**9 758 081 178**
Li minnhom taħt l-Istrument ta' Flessibilità			*275 000 000*		*275 000 000*	
Li minnhom taħt il-Marġni ta' Kontinġenza	*730 120 000*				*730 120 000*	
Limitu Massimu	*9 432 000 000*				*9 432 000 000*	
Marġini						
5. Amministrazzjoni	**9 394 513 816**	**9 394 599 816**			**9 394 513 816**	**9 394 599 816**
Limitu Massimu	*9 918 000 000*				*9 918 000 000*	
Li minnhom paċuti mal-Marġni ta' Kontinġenza	*- 507 268 804*				*- 507 268 804*	
Marġini	*16 217 380*				*16 217 380*	
Li minnhom: Nefqa amministrattiva tal-istituzzjonijiet	7 418 902 660	7 418 988 660			7 418 902 660	7 418 988 660
Sottolimitu	*8 007 000 000*				*8 007 000 000*	
Li minnhom paċuti mal-Marġni ta' Kontinġenza	*- 507 268 804*				*- 507 268 804*	
Marġini	*80 828 536*				*80 828 536*	
Riżerva negattiva						
Total	**157 823 863 116**	**132 863 171 350**	**275 000 000**		**158 098 863 116**	**132 863 171 350**
Li minnhom taħt l-Istrument ta' Flessibilità	***530 000 000***	***981 093 985***	***275 000 000***	***275 000 000***	***805 000 000***	***1 256 093 985***
Li minnhom taħt il-marġni globali għall-impenji	***1 939 100 000***				***1 939 100 000***	
Li minnhom taħt il-Marġni ta' Kontinġenza	***1 906 150 960***				***1 906 150 960***	
Limitu Massimu	***155 631 000 000***	***142 906 000 000***			***155 631 000 000***	***142 906 000 000***
Li minnhom paċuti mal-Marġni ta' Kontinġenza	***-1 082 268 804***	***-2 818 233 715***			***-1 082 268 804***	***-2 818 233 715***
Marġini	***1 100 119 040***	***8 205 688 920***			***1 100 119 040***	***8 480 688 920***
Strumenti speċjali oħra	**1 771 124 013**	**1 627 200 013**	**22 800 000**		**1 793 924 013**	**1 627 200 013**
Total Finali	**159 594 987 129**	**134 490 371 363**	**297 800 000**		**159 892 787 129**	**134 490 371 363**